MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Numru. 6/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**JOE PORTELLI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joe Portelli bin Anthony u Nazzarena nee` *omissis* imwieled fl-1 ta’ Frar 1958 u residenti Sant Anna, Triq Zaki, Zebbug, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita Nru 8658G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-30 ta’ Ottubru 2003 ghall-habta tal-11.45a.m. fil-Qrati t’Ghawdex, Rabat, Ghawdex,

1 hebb kontra l-persuna ta' Paschalino Cefai sabiex jingurjah, jdejqu jew jaghmillu hsara, (Art 338d Kap 9),
2 aktar tard talli fl-istess data u xi hin wara fi Triq it-Telgha tal-Belt, Rabat, Ghawdex, verbalment insulenta lil Paschalino Cefai miz-Zebbug, Ghawdex, (Art 338e Kap 9).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artiklu 383 tal-Kap 9;

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil Dr Anton Refalo, Dr Joseph Grech, PS 1424 Mario Sciberras, Paschalino Cefai u lill-imputat jixhed minn jeddu;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 338 (d) u 338 (e) tal-Kap 9;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-imputat ghadda minn bejn Dr Joe Grech u Paschalino Cefai b'mod goff u dan skond ix-xhieda ta' l-istess Dr Grech. Illi tali agir ma jikkostitwix l-akkuza in kwistjoni u konsegwentement ma ssibux hati;

Dwar it-tieni akkuza din ma tirrizultax pruvata lanqas mix-xhieda ta' l-istess Cefai u ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------